early fire SAFE

# Informazzjoni dwar kif tevita nar kmieni




## Kif ġenituri u persuni li jieħdu ħsieb oħrajn jistgħu jevitaw ħruq u samtiet

Ġenituri u persuni li jieħdu ħsieb oħrajn għandhom ikunu jafu li tfal żgħar ħafna jaħsbu u jġibu ruħhom differenti mill-kbar. Pereżempju, jekk ikun hemm nar, x'aktarx jinħbew milli jaħarbu. Hija r-responsabilità tal-kbar li jaraw il-periklu minn qabel.



### Agħmel superviżjoni tat-tfal il-ħin kollu

Il-biċċa l-kbira tal-korrimenti jseħħu waqt attivitajiet normali ta' kuljum madwar id-dar. Ħafna aċċidenti jiġru meta t-tfal ma jkunux taħt superviżjoni. Ġenituri għandhom ikunu preżenti f'kull sitwazzjoni kull meta u kull fejn ikun hemm potenzjal ta' ħruq u samtiet.

### Imġieba ta' sigurtà tan-nar tiddependi minn:

- Għarfien ta' riskju u li tkun taf x'għandek tagħmel biex tnaqqas ir-riskju
- Superviżjoni adekwata tat-tfal
- Eżempju b'mod pożittiv mill-ġenituri / persuni li jieħdu ħsieb oħrajn
- Ġenituri / persuni li jieħdu ħsieb oħrajn jikkontrollaw jew ineħħu l-periklu



### Agħraf l-interess tat-tfal fin-nar

Ħafna tfal juru interess fin-nar ta' età kmieni. Jistgħu jagħmlu mistoqsijiet dwar in-nar, jilagħbu logħob bħal 'jippretendu li qegħdin isajru', jew jagħmluha ta' ħaddiema tat-tifi tan-nar. L-aktar indikaturi komuni ta' interess fin-nar huma li joqogħdu viċin in-nar u jaraw in-nar, jilagħbu man-nar jew jitolbu għajnuna biex jibdew jew iqabbdu nar jew xemgħat.

Għal xi tfal, dan l-interess jista' jwassal għal-logħob bin-nar (tqabbid ta' sulfarini jew li jixegħlu u jitfu lighters) jew li jqabbdu nar. Attività ta' din ix-xorta tpoġġi lit-tifel/tifla u lill-familja tiegħu/tagħha f'riskju kbir. Ħafna nirien residenzjali jikkaġunaw l-imwiet ta' tfal.



*Meta tkun alert għall-perikli ta' ħruq, samtiet u nar tkun tista' tieħu azzjoni biex twaqqafhom u twaqqaf korrimenti.*

**Għal aktar informazzjoni:**

**Kidsafe**
www.kidsafevic.com.au

**Royal Children's Hospital**
www.rch.org.au



**Għal aktar informazzjoni kkuntattja:**

CFA
www.cfa.vic.gov.au

MFB Protecting Our Community
www.mfb.vic.gov.au



Country Fire Authority (CFA) u Metropolitan Fire and Emergency Services Board (MFB) qegħdin jagħmlu din l-informazzjoni u materjal disponibbli bil-ħsieb li inti tieħu kura xierqa meta tużahom. Jekk għandek xi dubju dwar kif tapplika l-informazzjoni għaċ-ċirkustanzi partikulari tiegħek, għandek tikseb aktar pariri professjonali. CFA u MFB ma jaċċettawx responsabilità għal kif int tapplika, tinterpreta jew tiddependi fuq l-informazzjoni pprovduta. CFA u MFB ma jaċċettaw l-ebda responsabilità għal xi telf jew ħsara li tista' tirriżulta mill-użu tiegħek ta' l-informazzjoni, kemm jekk minħabba ineżattezza bla ħsieb, żball jew ommissjoni jew għal xi kawża oħra.